DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/225

tal-11 ta' Frar 2015

li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/861/KE dwar miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ipproċessar ta' ħalib nej mhux konformi f'ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija

(notifikata bid-dokument C(2015) 631)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari it-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali għal operaturi tan-negozji tal-ikel. Dawn ir-regoli jinkludu ħtiġijiet tal-iġjene għall-ħalib mhux proċessat u għall-prodotti tal-ħalib.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/861/KE ([2]) fih previst ċerti derogi mir-rekwiżiti stabbiliti fis-subkapitoli II u III tal-Kapitolu I tat-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għall-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija elenkati f'dik id-Deċiżjoni. Dik id-Deċiżjoni tapplika sal-31 ta' Diċembru 2015.

(3) B'konformità, ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/861/KE jistgħu, b'deroga mid-dispożizzjonijiet relevanti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jipproċessaw ħalib konformi u ħalib mhux konformi sakemm l-ipproċessar tal-ħalib konformi jew mhux konformi jitwettaq fuq linji ta' produzzjoni separati. Barra minn hekk, ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib elenkati fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni jistgħu jipproċessaw il-ħalib mhux konformi mingħajr linji ta' produzzjoni separati.

(4) Fit-28 ta' April 2014, fit-18 ta' Awwissu 2014 u fit-2 ta' Diċembru 2014 il-Bulgarija bagħtet lista riveduta u aġġornata ta' dawk l-istabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib lill-Kummissjoni.

(5) F'dik il-lista, l-istabbiliment elenkat f'Nru 4 (BG 1212001 "S i S — 7" EOOD) tat-tabella stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/861/KE ġie imħassar minħabba li temm l-attivitajiet tiegħu.

(6) Barra minn hekk, ċerti stabbilimenti li bħalissa huma elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/861/KE tħassru f'dik il-lista riveduta u aġġornata minħabba li issa huma awtorizzati jipproċessaw biss ħalib konformi biex jitqiegħed fis-suq ta' ġewwa l-Unjoni. Dawk l-istabbilimenti huma elenkati fit-tabella fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/861/KE f'Nru 3 (0912016 OOD "Persenski"), Nru 8 (1612064 OOD "Ikay"), Nru 11 (2512021 "Keya-Komers- 03" EOOD), Nru 22 (BG 1612051 ET "Radev-Radko Radev"), Nru 37 (1512010 ET "Militsa Lazarova-90"), Nru 50 (BG 1112016 Mandra "IPZHZ"), Nru 51 (BG 1712042 ET "Madar") Nru 54 (1312005 "Ravnogor" OOD), Nru 63 (BG 2612034 ET "Eliksir-Petko Petev") Nru 75 (2312033 "Balkan spetsial" OOD) u Nru 79 (2612015 ET "Detelina 39").

(7) Barra minn hekk, f'dik il-lista, l-istabbilimenti elenkati f'Nru 7 (1612049 "Alpina-Milk" EOOD), Nru 21 (BG 1612028 ET "Slavka Todorova"), Nru 23 (BG 1612066 "Lakti ko" OOD) u Nru 71 (2012032 "Kiveks" OOD) tat-tabella stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/861/KE tħassru, minħabba li temmew l-attivitajiet tagħhom.

(8) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 2009/861/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/861/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar miżuri tranżitorji skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ipproċessar ta' ħalib nej mhux konformi f'ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija (ĠU L 314, 1.12.2009, p. 83).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/861/KE huma sostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

Lista ta' stabbilimenti tal-ħalib li għandhom il-permess jipproċessaw ħalib konformi u mhux konformi kif imsemmi fl-Artikolu 2

Nru	Nru tal-Veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
1	BG 0612027	'Mlechen ray — 2' EOOD	gr. Vratsa kv. 'Bistrets'
2	BG 0612043	ET 'Zorov- 91 — Dimitar Zorov'	gr. Vratsa Mestnost 'Parshevitsa'
3	BG 2112001	'Rodopeya — Belev' EOOD	Ul. 'Trakya' 20 Smolyan
4	BG 2812003	'Balgarski yogurt' OOD	s. Veselinovo, obl. Yambolska

ANNESS II

Lista ta' stabbilimenti li jipproċessaw il-ħalib li għandhom il-permess jipproċessaw ħalib mhux konformi kif imsemmi fl-Artikolu 3

Nru	Nru tal-Veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
1	BG 2412037	'Stelimeks' EOOD	s. Asen
2	0912015	'Anmar' OOD	s. Padina obsht. Ardino
3	1012014	ET 'Georgi Gushterov DR'	s. Yahinovo
4	1012018	'Evro miyt end milk' EOOD	gr. Kocherinovo obsht. Kocherinovo
5	1112017	ET 'Rima-Rumen Borisov'	s. Vrabevo
6	2112008	MK 'Rodopa milk'	s. Smilyan obsht. Smolyan
7	2412039	'Penchev' EOOD	gr. Chirpan ul. 'Septemvriytsi' 58
8	0112014	ET 'Veles-Kostadin Velev'	gr. Razlog ul. 'Golak' 14
9	2312041	'Danim-D.Stoyanov' EOOD	gr. Elin Pelin m-st Mansarovo
10	0712001	'Ben Invest' OOD	s. Kostenkovtsi obsht. Gabrovo
11	1512012	ET 'Ahmed Tatarla'	s. Dragash voyvoda, obsht. Nikopol

Nru	Nru tal-Veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
12	2212027	'Ekobalkan' OOD	gr. Sofia bul 'Evropa' 138
13	2312030	ET 'Favorit- D.Grigorov'	s. Aldomirovtsi
14	2312031	ET 'Belite kamani'	s. Dragotintsi
15	BG 1512033	ET 'Voynov-Ventsislav Hristakiev'	s. Milkovitsa obsht. Gulyantsi
16	BG 1512029	'Lavena' OOD	s. Dolni Dębnik obl. Pleven
17	BG 2112029	ET 'Karamfil Kasakliev'	gr. Dospat
18	BG 0912004	'Rodopchanka' OOD	s. Byal izvor obsht. Ardino
19	0112003	ET 'Vekir'	s. Godlevo
20	0112013	ET 'Ivan Kondev'	gr. Razlog Stopanski dvor
21	0212037	'Megakomers' OOD	s. Lyulyakovo obsht. Ruen
22	0512003	SD 'LAF-Velizarov i sie'	s. Dabravka obsht. Belogradchik
23	0612035	OOD 'Nivego'	s. Chiren
24	0612041	ET 'Ekoprodukt-Megiya- Bogorodka Dobrilova'	gr. Vratsa ul. 'Ilinden' 3
25	0612042	ET 'Mlechen puls — 95 — Tsvetelina Tomova'	gr. Krivodol ul. 'Vasil Levski'
26	1012008	'Kentavar' OOD	s. Konyavo obsht. Kyustendil
27	1212031	'ADL' OOD	s. Vladimirovo obsht. Boychinovtsi
28	1512006	'Mandra' OOD	s. Obnova obsht. Levski
29	1512008	ET 'Petar Tonovski-Viola'	gr. Koynare ul. 'Hr.Botev' 14
30	1612024	SD 'Kostovi — EMK'	gr. Saedinenie ul. 'L.Karavelov' 5

Nru	Nru tal-Veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
31	1612043	ET 'Dimitar Bikov'	s. Karnare obsht. 'Sopot'
32	1712046	ET 'Stem-Tezdzhan Ali'	gr. Razgrad ul. 'Knyaz Boris'23
33	2012012	ET 'Olimp-P.Gurtsov'	gr. Sliven m-t 'Matsulka'
34	2112003	'Milk- inzhenering' OOD	gr.Smolyan ul. 'Chervena skala' 21
35	2112027	'Keri' OOD	s. Borino, obsht. Borino
36	2312023	'Mogila' OOD	gr. Godech, ul. 'Ruse' 4
37	2512018	'Biomak' EOOD	gr. Omurtag ul. 'Rodopi' 2
38	2712013	'Ekselans' OOD	s. Osmar, obsht. V. Preslav
39	2812018	ET 'Bulmilk-Nikolay Nikolov'	s. General Inzovo, obl. Yambolska
40	2812010	ET 'Mladost-2-Yanko Yanev'	gr. Yambol, ul. 'Yambolen' 13
41	BG 1012020	ET 'Petar Mitov-Universal'	s. Gorna Grashtitsa obsht. Kyustendil
42	BG 0912011	ET 'Alada-Mohamed Banashak'	s. Byal izvor obsht. Ardino
43	1112026	'ABLAMILK' EOOD	gr. Lukovit ul. 'Yordan Yovkov' 13
44	1712010	'Bulagrotreyd-chastna kompaniya' EOOD	s. Yuper Industrialen kvartal
45	2012011	ET 'Ivan Gardev 52'	gr. Kermen ul. 'Hadzhi Dimitar' 2
46	2012024	ET 'Denyo Kalchev 53'	gr. Sliven ul. 'Samuilovsko shose' 17
47	2112015	OOD 'Rozhen Milk'	s. Davidkovo, obsht. Banite
48	2112026	ET 'Vladimir Karamitev'	s. Varbina obsht. Madan

Nru	Nru tal-Veterinarju	Isem l-istabbiliment	Belt/Triq jew Raħal/Reġjun
49	2312007	ET 'Agropromilk'	gr. Ihtiman ul. 'P.Slaveikov' 19
50	BG 1812008	'Vesi' OOD	s. Novo selo
51	BG 2512003	'Si Vi Es' OOD	gr. Omurtag Promishlena zona
52	0812030	'FAMA' AD	gr. Dobrich bul. 'Dobrudzha' 2
53	0912003	'Koveg-mlechni produkti' OOD	gr. Kardzhali Promishlena zona
54	1412015	ET 'Boycho Videnov — Elbokada 2000'	s. Stefanovo obsht. Radomir
55	1712017	'Diva 02' OOD	gr. Isperih ul. 'An.Kanchev'
56	1712037	ET 'Ali Isliamov'	s. Yasenovets
57	1712043	'Maxima milk' OOD	s. Samuil
58	2012010	'Saray' OOD	s. Mokren
59	2012036	'Minchevi' OOD	s. Korten
60	2212009	'Serdika -94' OOD	gr. Sofia kv. Zheleznitza
61	2312028	ET 'Sisi Lyubomir Semkov'	s. Anton
62	2312039	EOOD 'Laktoni'	s. Ravno pole, obl. Sofiyska
63	2412040	'Inikom' OOD	gr. Galabovo ul. 'G.S.Rakovski' 11
64	2512011	ET 'Sevi 2000- Sevie Ibryamova'	s. Krepcha obsht. Opaka
65	2812002	'Arachievi' OOD	s. Kirilovo, obl. Yambolska'
66	BG 1612021	ET 'Deni-Denislav Dimitrov-Ilias Islamov'	s. Briagovo obsht. Gulyantsi
67	2012008	'Raftis' EOOD	s. Byala
68	2112023	ET 'Iliyan Isakov'	s. Trigrad obsht. Devin
69	2312020	'MAH 2003' EOOD	gr. Etropole bul. 'Al. Stamboliyski' 21"